

Brussell, 11 ta' Ottubru 2016  
(OR. en)

13182/16

**AGRILEG 147**  
**VETER 97**

#### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                       |
|-------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Kummissjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                   |
| data meta waslet: | 11 ta' Ottubru 2016                                                                                                                                                                                                                                                   |
| lil:              | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                      |
| Nru dok. Cion:    | D045867/03                                                                                                                                                                                                                                                            |
| Suġġett:          | REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Annessi IV u X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument D045867/03.

\_\_\_\_\_  
Mehmuż: D045867/03



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, **XXX**  
SANTE/10540/2016  
(POOL/G4/2016/10540/10540-EN.doc)  
D045867/03  
[...](2016) **XXX** draft

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

**li jemenda l-Annessi IV u X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

**li jemenda l-Annessi IV u X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni tal-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSEs) fl-annimali. Dan japplika għall-produzzjoni u għat-tqegħid fis-suq ta' annimali ħajjin u ta' prodotti mill-annimali u f'ċerti każijiet speċifiċi l-esportazzjonijiet tagħhom.
- (2) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprojbixxi t-tagħlif ta' proteini dderivati mill-annimali lir-ruminanti u l-Kapitolu I tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament jestendi dik il-projbizzjoni. Il-Kapitolu II ta' dak l-Anness jistabbilixxi għadd ta' derogi minn dik il-projbizzjoni. Il-punt (b)(ii) tal-Kapitolu II tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li l-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għat-tagħlif ta' annimali mrobbija li mhumex ruminanti bil-ħut mitħun u bl-għalf kompost li fih il-ħut mitħun, li jiġu prodotti, imqiegħda fis-suq u użati skont il-Kapitolu III tal-Anness IV u l-kundizzjonijiet speċifiċi stipulati fit-Taqsima A tal-Kapitolu IV ta' dak l-Anness. Barra minn dan, il-punt (d) tal-Kapitolu II tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li l-projbizzjoni ma għandhiex tapplika għat-tagħlif ta' annimali ruminanti mhux miftuma b'sostituti tal-ħalib li fihom il-ħut mitħun, li jiġu prodotti, imqiegħda fis-suq u użati skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stipulati fit-Taqsima E tal-Kapitolu IV ta' dak l-Anness.
- (3) Il-punt (a) tat-Taqsima A tal-Kapitolu IV tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jeħtieġ li l-ħut mitħun irid jiġi prodott f'impjanti tal-ipproċessar iddedikati esklużivament għall-produzzjoni ta' prodotti dderivati minn annimali akkwatiċi, għajr il-mammiferi tal-baħar. Il-punt (a) tat-Taqsima E ta' dak il-Kapitolu

<sup>1</sup> ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

jitleb li l-ħut mitħun użat fis-sostituti tal-ħalib għat-tagħlif ta' ruminanti mhux miftuma jrid jiġi prodott f'impjanti tal-ipproċessar iddedikati esklużivament għall-produzzjoni ta' prodotti dderivati minn annimali akkwatiċi, u għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fil-Kapitolu III.

- (4) Il-Punt 1(e)(ii) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jiddefinixxi l-"annimali akkwatiċi" billi jirreferi għad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(1)(e) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE<sup>2</sup> bħala (i) ħut li jaqa' taħt is-superklassi *Agnatha* u taħt il-klassijiet *Chondrichthyes* u *Osteichthyes*, (ii) mollusk li jaqa' taħt il-Phylum *Mollusca*, u (iii) krustaċju li jaqa' taħt is-Subphylum *Crustacea*.
- (5) Għalhekk, peress li d-definizzjoni ta' "annimali akkwatiċi" stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 ma tkoprix l-annimali invertebrati għajr il-molluski u l-krustaċji, ir-rekwiżiti tal-punt (a) tat-Taqsima A u l-punt (a) tat-Taqsima E tal-Kapitolu IV tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ma jippermettux l-użu tal-istilel tal-baħar selvaġġi u tal-invertebrati akkwatiċi tat-trobbija, għajr il-molluski u l-krustaċji, għall-produzzjoni tal-ħut mitħun. Peress li l-użu tad-dqiq għall-ikel prodott mill-istilel tal-baħar selvaġġi u invertebrati akkwatiċi tat-trobbija, għajr molluski u krustaċji, fl-għalf għall-annimali mhux ruminanti ma jirrappreżentax riskju oġġetiv ta' trażmissjoni ta' TSEs mill-użu tal-ħut mitħun f'għalf bħal dan, ir-rekwiżiti tal-punt (a) tat-Taqsima A u tal-punt (a) tat-Taqsima E tal-Kapitolu IV tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għandhom jiġu emendati biex tiżied il-possibbiltà li jintużaw l-istilel tal-baħar jew l-invertebrati akkwatiċi tat-trobbija, għajr il-molluski u l-krustaċji, għall-produzzjoni tal-ħut mitħun.
- (6) Sabiex jitħares l-ambjent, l-użu tal-istilel tal-baħar għall-produzzjoni tal-ħut mitħun għandu jkun ristrett għall-każijiet fejn l-istilel tal-baħar ikunu qed jimmultiplikaw u jirrappreżentaw theddida f'żona ta' produzzjoni tal-akkwakultura. Għalhekk, ir-rekwiżiti tal-punt (a) tat-Taqsima A u tal-punt (a) tat-Taqsima E tal-Kapitolu IV tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għandhom jinkludu biss stilel tal-baħar li jiġu mill-ħsad ta' żona ta' produzzjoni tal-molluski.
- (7) Għalhekk, l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għandu jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-Punt 4 tal-Kapitolu C tal-Anness X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi l-listi ta' testijiet rapidi approvati għall-monitoraġġ ta' TSEs f'annimali bovini, ovini u kaprini. Fit-8 ta' April 2016, il-grupp Prionics informa lill-Kummissjoni li kien se jieqaf mill-manifattura tal-kitt tad-dijanżosi Prionics Check PrioSTRIP SR mill-15 ta' April 2016. Dan il-kitt tad-dijanżosi għandu għalhekk jiġi jitħassar mil-lista ta' testijiet rapidi approvati għat-TSE fl-annimali ovini u kaprini. Ir-raba' inċiż tat-tieni paragrafu tal-punt 4 tal-Kapitolu C tal-Anness X għalhekk għandu jitħassar.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi (ĠU L 328, 24.11.2006, p.14).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi IV u X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni taieghu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Jean-Claude JUNCKER*